# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023.**

**Numru 12**
**Rikors numru 182/2021/1 MH**

**Joseph Cremona**
***v.***
**Avukat tal-Istat, Elia Delia u Helen Delia**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali fl-14 Ottubru 2022 illi, għalkemm laqgħet it-talba tiegħu għal dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"], illikwidat kumpens għal dan il-ksur li fil-fehma tiegħu huwa anqas milli kellu jkun. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. L-attur għandu immobbli li ġie f'idejh fl-1983. Dan il-fond ilu mikri madwar ħamsin sena lill-konvenuti Delia b'kera kontrollat li l-attur igħid illi huwa

baxx wisq. Billi jidhirlu li dan huwa bi ksur tad-drittijiet tiegħu mħarsa bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, l-attur fetaħ din il-kawża u talab illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-Bini [Kap. 69] … u l-Att X tal-2009 … qegħdin jagħtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Elia Delia u Helen Delia għall-fond … u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti *inter alia* fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea, u b'hekk … ir-rikorrenti għandhom jingħataw r-rimedji kollha li din il-qorti jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni;
>
> »2. tiddikjara … illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nżammx bilanċ u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilin peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-liġijiet viġenti ma jirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni …;
>
> »3. tillikwida l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti …;
>
> »4. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni … bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.
>
> »Bl-ispejjeż … «

3. L-ewwel qorti sabet illi tassew inkisru d-drittijiet tal-attur, u ikkundannat lill-Avukat tal-Istat jagħmel tajjeb għad-danni li illikwidat fis-somma ta' erbgħin elf, mija u disgħa u ħamsin euro u disgħin ċenteżmu (€40,159.90) maqsuma hekk: sebgħa u tletin elf, sitt mija u disgħa u ħamsin euro u disgħin ċenteżmu (€37,659.90) danni pekunjarji u elfejn u ħames mitt euro danni non-pekunjarji (€2,500). Ikkundannat lill-Avukat tal-Istat iħallas ukoll l-ispejjeż u l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena (8% *p.a.*) fis-sena minn dakinhar tas-sentenza sa meta jsir il-ħlas.

4. Ir-raġunijiet li wasslu lill-ewwel qorti għal din id-deċiżjoni, safejn relevanti għal dan l-appell, ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »… … …
>
> »… … … l-ewwel talba tar-rikorrent timmerita li tiġi milqugħa u dan għall-perjodu sa qabel l-introduzzjoni tal-artikolu 4A tal-Kap 69 bl-emendi tal-Att XXIV tal-2021.

»… … …

»Fil-bqija tat-talbiet tar-rikorrent, huwa qed jitlob kumpens mill-Avukat tal-Istat biex jagħmel tajjeb għall-leżjoni sofferta. *In vista* tal-fatt li l-qorti sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent huwa jimmerita li jingħata rimedju adegwat u għalhekk il-bqija tat-talbiet tiegħu ser jintlaqgħu kif ser jingħad.

»… … …

»… … … il-qorti hija tal-fehma li għandhom jittieħdu diversi konsider-azzjonijiet għal fini ta' kumpens primarjament li –

»1. anke jekk il-kumpens mhux neċessarjament ikun daqs kemm irendi s-suq ħieles, huwa sostanzjali l-isproporzjon fid-differenza bejn il-kera li jitħallas attwalment lir-rikorrent u dik li seta' jirċievi skont is-suq ħieles li kieku ma kienx hemm id-dispożizzjonijiet tal-liġi impunjati;

»2. l-istat ta' inċertezza li r-rikorrent dam fih matul is-snin u l-perjodu li ilu jbati sproporzjon fid-drittijiet tiegħu;

»3. l-inerzja da parti tal-istat, li matul is-snin, sa qabel ma introduċa l-Att XXIV tal-2021, baqa' passiv għall-ħtieġa ta' intervent legislattiv effettiv sabiex joħloq bilanċ aktar proporzjonat bejn il-pizijiet u d-drittijiet ta' persuni fil-qagħda tar-rikorrent.

»… … …

5. Il-qorti mbagħad irreferiet għas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Cauchi *v.*Malta[1] fejn "intqal li l-kumpens jista' jonqos b'xi 30% minħabba l-għan leġittimu wara l-protezzjoni u 20% tnaqqis ieħor minħabba l-inċertezza dwar kemm il-proprjetà kienet ser tkun mikrija għall-perjodu kollu", u għal sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet Carmel Sammut *et v.* Maria Stella Dimech *et*[2] fejn "il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat sentenza tal-ewwel qorti illi naqqset 35% u mhux 30% minħabba interess ġenerali. Żiedet tgħid illi "m'għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis ieħor minħabba li l-atturi baqgħu passivi għall-perjodu twil; semmai jista' jkollu konsegwenza biss fil-każ ta' kumpens non-pekunjarju". Kompliet hekk:

---

1 Cauchi *v.* Malta (rik. 14013/19), Q.E.D.B. 25 ta' Marzu 2021

2 Rik. Kost. 161/2019

»Fil-każ odjern, jirriżulta skont ir-rapport tal-perit tekniku tal-qorti … li t-total tal-kera li r-rikorrenti setgħu jirċievu skont is-suq ħieles mill-1987 sal-2021 huwa ta' €94,769.00.

»Issa skont l-insenjament tal-ġurisprudenza suespost, minn din is-somma ser isir tnaqqis ta' 35% li jagħmel tajjeb għall-għan leġittimu tal-liġi impunjata u *cioè* tnaqqis ta' €33,169.15. Mela s-somma issa hija ta' €61,599.85. Minn din issomma ser jerġa' jitnaqqas 20% sabiex jittieħed kont tal-inċertezza illi r-rikorrenti kien jirnexxilhom iżommu l-proprjetà mikrija tul iż-żmien relevanti kollu għall-prezzijiet indikati mill-perit tekniku. 20% ta' €61,599.85 hija €12,319.97. Għalhekk iċ-ċifra tiġi €49,279.88.

»Din il-qorti tqis ukoll li għandu jitnaqqas persentaġġ ulterjuri ta' 10% (€4,927.98) li jkopri l-*maintenance*/tiswijiet li inevitabilment huwa meqjus li saru fil-fond mill-inkwilini matul is-snin bejn l-1987 u l-2021. Għalhekk is-somma issa hija ta' €44,351.90.

»Minn din is-somma ta' €44,351.90 għandha titnaqqas dik li r-rikorrenti rċevew bħala ħlas ta' kera matul is-snin imsemmija.

»L-inkwilini intimati ppreżentaw kopja tal-irċevuti tal-kera li a bażi tagħhom il-kalkolu tal-ħlas huwa kif ġej –

»mill-1987 sal-2017 – €196 fis-sena

»sena 2018 – €200

»mill-2019 sal-2021 – €204 fis-sena

»Total ta' kera mħallsa: €6,692.

»Meta jsir it-tnaqqis tal-ammont ta' kera mħallas mill-inkwilini Delia għall-perjodu msemmi, jirriżulta li s-somma li għandhom jitħallsu r-rikorrenti bħala danni pekunarji hija €37,659.90.

»Il-qorti tqis ukoll li għandha tillikwida wkoll is-somma ta' €2,500 bħala kumpens non-pekunarju.

»Dan il-kumpens għandu jagħmel tajjeb għalih l-Avukat tal-Istat flimkien mal-ispejjeż tal-kawża. … … …

»Dwar it-talba ta' l-imgħaxijiet il-qorti hija ben konoxxenti ta' ġuris-prudenza li tistabilixxi u tikkristalizża lli l-qrati tagħna jimxu mal-prinċipju *in illiquidis non fit mora.* F'dan ir-rigward nsibu lir-rikorrenti qed jitlob ħlas mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sad-data tal-pagament effettiv. … . …

»F'dan ir-rigward il-qorti tqis illi fin-numru kbir ta' kawżi ta' din in-natura deċiżi mil-qrati nostrali tul l-andament taż-żmien ingħataw ammonti varji bħala kumpens pekunjarju, għalhekk mhux dejjem uniformi. Ukoll li kien varji tendenzi fir-rigward tal-għoti ta' l-imgħaxijiet. Huwa vera illi llum sar żvillup fir-rigward ta' dan il-kumpens inkwantu għal persent-aġġi li qed jiġu adottati kif suriferut li għalhekk iwasslu għal kważi ċertezza dwar l-ammont li jkun se jingħata, għalhekk wieħed aktar determinabbli. Imma dan huwa żvillup riċenti li għadu wkoll qed jevolvi ġurisprudenżjalment. Konsegwentement tqis illi l-imgħaxijiet għand-hom jibdew jidekorru mid-data ta' din is-sentenza.«

6. L-attur appella b'rikors tat-18 ta' Ottubru 2022 illi l-Avukat tal-Istat wieġeb għalih fil-25 ta' Ottubru 2022. L-aggravju tal-appell jolqot il-*quantum* tad-danni pekunjarji, u huwa msejjes fuq l-argument (i) illi bħala werriet tas-sid preċedenti l-attur għandu jedd għal kumpens ukoll dwar iż-żmien li l-fond kien f'idejn l-awtur tiegħu, u (ii) illi t-tnaqqis kellu jkun ta' 30% (u 20%) kif imfisser fil-każ ta' <u>Cauchi</u>, u mhux ta' 35% (flok 30%) kif tgħid is-sentenza appellata. Bla ma ta raġuni għalhekk, l-attur appellant talab ukoll illi d-danni non-pekunjarji jiżdiedu għal ħmistax-il elf euro (€15,000).

7. L-attur igħid sew illi jiret ukoll il-kumpens li kien imiss lill-awtur tiegħu ladarba l-attur huwa suċċessur universali. Madankollu, dan ma jagħmel ebda differenza fil-każ tallum ladarba l-ewwel qorti illikwidat kumpens b'seħħ mill-1987, meta daħal fis-seħħ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk ma hemm ebda ħtieġa li nqisu aktar dan l-aggravju.

8. Dwar l-aggravju li t-tnaqqis minħabba l-għan soċjali tal-liġi kellu jkun ta' tletin fil-mija (30%) u mhux ta' ħamsa u tletin fil-mija (35%) kif qalet l-ewwel qorti, din il-qorti tosserva illi, għalkemm huwa minnu li t-tnaqqis ta' tletin fil-mija (30%) u għoxrin fil-mija (20%) msemmija f'<u>Cauchi</u> huma biss indikattivi u mhux regola li torbot, madankollu jixraq illi tinżamm uniformità fid-deċiżjonijiet u ma jsirx tibdil jekk mhux għal raġunijiet li jkunu speċifiċi għall-każ partikolari. Fil-każ ta' <u>Carmel Sammut</u> imsemmi fis-sentenza appellata, din il-qorti kkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti illi naqqset 35% u mhux 30% għax l-appell kien tal-Avukat tal-Istat u mhux tas-sidien, u, naturalment, l-Avukat tal-Istat ma kellux interess jitlob illi r-rata ta' tnaqqis tonqos għal 30%; ma jfissirx b'hekk illi din il-qorti taqbel illi t-

tnaqqis għandu bħala regola ġenerali jkun ta' 35% flok ta' 30%. Fil-każ tallum din il-qorti ma tarax illi hemm ċirkostanzi speċjali li minħabba fihom għandha titbiegħed milli żżomm uniformità fid-deċiżjonijiet, u għalhekk din il-parti tal-aggravju sejra tintlaqa'.

9. L-istess jingħad dwar it-tnaqqis ieħor ta' għaxra fil-mija (10%). Ma ntwerew ebda ċirkostanzi partikolari li jiddistingwu dan il-każ minn każijiet oħra b'mod li jimmerita trattament differenti minn każijiet oħra.

10. Meqjusa dawn il-fatturi kollha, il-kumpens pekunjarju xieraq ikun ta' erbgħa u erbgħin elf u disa' mitt euro (€44,900) kif imfisser fl-Iskeda A mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha.

11. Meta tqis ukoll illi l-ksur ilu jseħħ mill-1987, id-danni morali ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) likwidati mill-ewwel qorti huma x'aktarx ftit, u għalhekk din il-qorti qiegħda żżid id-danni non-pekunjarji għal ħamest elef euro (€5,000). B'kollox għalhekk il-kumpens li l-Avukat tal-Istat għandu jħallas lill-atturi huwa ta' disgħa u erbgħin elf u disa' mitt euro (€49,900), flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar tas-sentenza appellata.

12. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn illikwidat danni ta' erbgħin elf, mija u disgħa u ħamsin euro u disgħin ċenteżmu (€40,159.90) u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji u non-pekunjarji fis-somma ta' disgħa u erbgħin elf u disa' mitt euro (€49,900), tikkonferma s-sentenza fil-bqija u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-attur id-danni hekk likwidati flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar tas-sentenza appellata.

13. L-ispejjeż tal-ewwel grad iħallashom l-Avukat tal-Istat; dawk tal-appell jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

## Skeda A

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza odjerna.

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | | Indiċi ta' inflazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 1987 | 416.00 | 130.44 | * | |
| 1988 | 864.00 | 195.67 | | |
| 1989 | 864.00 | 195.67 | | |
| 1990 | 864.00 | 195.67 | | |
| 1991 | 864.00 | 195.67 | | |
| 1992 | 864.00 | 195.67 | | |
| 1993 | 1,200.00 | 195.67 | | |
| 1994 | 1,200.00 | 195.67 | | |
| 1995 | 1,200.00 | 195.67 | | |
| 1996 | 1,200.00 | 195.67 | | |
| 1997 | 1,200.00 | 195.67 | | |
| 1998 | 1,920.00 | 195.67 | | |
| 1999 | 1,920.00 | 195.67 | | |
| 2000 | 1,920.00 | 195.67 | | |
| 2001 | 1,920.00 | 195.67 | | |
| 2002 | 1,920.00 | 195.67 | | |
| 2003 | 2,730.00 | 195.67 | | |
| 2004 | 2,730.00 | 195.67 | | |
| 2005 | 2,730.00 | 195.67 | | |
| 2006 | 2,730.00 | 195.67 | | |
| 2007 | 2,730.00 | 195.67 | | |
| 2008 | 3,176.00 | 195.67 | | |
| 2009 | 3,176.00 | 195.67 | | |
| 2010 | 3,176.00 | 195.67 | | 770.07 |
| 2011 | 3,176.00 | 195.67 | | |
| 2012 | 3,176.00 | 195.67 | | |
| 2013 | 3,812.00 | 208.69 | | 821.34 |
| 2014 | 3,812.00 | 208.69 | | |
| 2015 | 3,812.00 | 208.69 | | |
| 2016 | 3,812.00 | 213.00 | | 838.29 |
| 2017 | 3,812.00 | 213.00 | | |
| 2018 | 6,353.00 | 213.00 | | |
| 2019 | 6,353.00 | 222.01 | | 873.73 |
| 2020 | 6,353.00 | 222.01 | | |
| 2021 | 4,200.00 | 129.50 | ** | |
| | 92,185.00 | 6,731.23 | | |

* tmien xhur

** seba' xhur

## Skeda A (tkompli)

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat |
|---|---|---|
| | 92,185.00 | 6,731.23 |
| -20% = | 73,748.00 | |
| -30% = | 51,623.60 | |
| naqqas | 6,731.23 | |
| Jifdal | 44,892.37 | |

Mark Chetcuti
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Anthony Ellul
Imħallef

Deputat Reġistratur
gr